# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# DISA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 30

13 ta' Settembru, 2021

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iddeċieda li din il-laqgħa ssir b'mod virtwali permezz tas-sistema online bil-Microsoft Teams® (skond Ċirkulari 03/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali) minħabba l-pandemija ta' Covid-19, fis-1.38 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

## Aġenda Nru. 30

30.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 29 – 9;
30.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
30.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
30.5 Komunikazzjoni;
30.6 Rapport Finanzjarju Annwali 2020 (*audited*);
30.7 Il-Proġett ta' riġenerazzjoni ta' Pjazza Santa Margerita;
30.8 Proġetti pendenti;
30.9 Attivita' Sportiva;
30.10 Attivita' Soċjali u Kulturali;
29.11 Ilmenti u Suġġerimenti;
29.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 9/2021;
29.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku qal li llum erġajna mhux qed niltaqgħu fiżikament minħabba r-raġunijiet li kullħadd jafhom dawk taċ-ċirkostanzi li għadna għaddejjin minnhom u madwar id-dinja b'din il-pandemija tal-COVID-19 u għalhekk din il-laqgħa qed issir b'mod virtwali permezz ta' sistema *online* ta' Microsoft Teams® skond Ċirkulari 03/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, dan qed isir peress li l-kamra tal-laqgħat hija ftit żgħira u ma jkunx hemm distanza adegwata għal kull membru u s-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku kompla billi ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 30.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

30.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kellux ittri ta' apoloġiji peress li l-Kunsillieri kollha kienu preżenti b'mod virtwali għal din il-laqgħa.

## 30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 29 – 9

30.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 29 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn se jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 30.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

30.3.1 Is-Sindku qal li għal din il-laqgħa stieden lill-Artist Manuel Farrugia li ħejja l-abbozz tal-monument tal-Gwerra li f'Ottubru 2022 se jaħbat it-80 anniversaju ta' din it-traġedja fi żmien it-tieni gwerra dinjija. L-Artist spjega dan l-abbozz fid-dettal u wieġeb għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob l-istimi għal dan ix-xogħol u faħħar lill-Artist għal dan l-abbozz. Il-Kunsill għadu jara jekk il-post propost fejn se jitpoġġa dan, il-bażi tiegħu hux ta' saħħa. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jaħdem biex jara minn fejn ser jiġu l-fondi għal dan il-monument. Il-Kunsill qabel ma dan.

30.3.2 Is-Sindku qal li wara li l-Kunsill talab kwotazzjoni mingħand kuntrattur fetaħ il-bokka tax-shelter fi Pjazza Santa Margerita u li dan instab nadif. Grazzi għal Mons. Lawrenz Sciberras li għen u ta' l-indikazzjoni ta fejn eżatt kienet il-bokka li nstabet mill-ewwel. Hemm xi ilma niezel ġo fih u għandhom jitqabbdu tal-WSC biex jieħdu sample ta dan l-ilma. Dan ix-shelter mhux xi wieħed kbir u b'hekk jista jsir is-survey tiegħu. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-kuntrattur għandu jnaddaf id-debris li waqa fil-bidu tal-bokka. Ma hemm l-ebda servizz għaddej min ġo fih. Issa rridu nitkellmu mall-Perit biex naraw minn fejn se jgħaddi il-water culvert mill-Pjazza.

30.3.3 Is-Sindku qal li l-applikazzjoni DNO ma' l-Awtorita' tal-Ippjanar dwar l-artistic impression ta' l-isem Ta' Sannat, f'Sannat Junction qeda fil-proċess. Dan qed isir sabiex tiġi msebħa aktar l-entratura Ta' Sannat. Il-Kunsill qed jistenna risposta mingħand Transport Malta.

30.3.4 Is-Sindku qal li nhar it-Tlieta 10 ta' Awwissu saret laqgħa mas-Superitendent tal-Pulizija fl-uffiċċju tal-Kunsill, fejn għalih attenda s-Segretarju Eżekuttiv u ġew diskussi l-ilmenti mir-residenti ta' trabijiet minn sit ta' kostruzzjoni fi Triq Ta' Ċenċ, l-egħluq ta' Pjazza Santa Margerita nhar ta' Sibt u nhar ta' Ħadd, ilmenti ta' Reserved Parking quddiem djar

residenzjali permezz ta' laned u oġġetti oħra u li l-iBins fi Triq Ta' Durell u Triq Ta' Bebunaq issa bdew jiġu mmoniterjati. Is-Sindku qal ukoll li laqgħa oħra miegħu saret nhar il-Ġimgħa 10 ta' Settembru fejn għaliha attenda hu u ġew diskussi post abbandunat perikoluż fi Triq il-Kbira, il-logħob tan-nar li jinħaraq fil-festa tal-Munxar biex nissalvagwardjaw il-grawnd tal-futbol u r-residenti tal-lokalita' Ta' Sannat. Dwar dan ghandha ssir laqgħa mall-Kappillan il-ġdid tal-Munxar. Is-Sindku talab lill-Kunsillier Bajada biex meta ssir din il-laqgħa jekk possibli jattendi miegħu.

30.3.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li minn nhar il-Ħamis 12 ta' Awwissu 2021, kull nhar ta' Ħamis fis-sala tal-Kunsill, l-Active Ageing fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex bdiet lezzjonijiet fil-pittura għal dawk interessati bejn id-9.00 a.m u nofsinhar.

30.3.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġew iffirmati l-kuntratti mall-Ministeru għal Għawdex għal fondi ta' Triq Skerla u Triq Sannat. Il-Kunsill rringrazzja lill-Ministeru għal Għawdex.

30.3.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie ffirmat il-kuntratt ukoll mad-DLG Strateġija u Implimentazzjoni tal-Policy fuq xiri ta' van għal użu tal-Kunsill u dawk il-persuni anżjani jew bi bżonnijiet speċjali li jħossu l-bżonn li jużaw dan is-servizz li l-Kunsill jkun jista jipprovdi permezz ta din il-vettura. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jara minn fejn se jakkwista fondi addizzjonali għax-xiri ta din il-vettura peress li l-affarijiet qed jgħolew.

30.3.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kif tkellimna fil-laqgħa preċedenti bdew jitnaddfu l-istorm water culvert minn Pjazzetta tax-Xelina sal-junction ta' Triq Sannat u dan ix-xogħol għandu jitkompla.

30.3.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li it-Tenders SNTLC08/2021 u SNTLC11/2021 kellu jinbidel membru mill-bord u bdew bl-evalwazzjonijiet ta' dawn.

30.3.10 Is-Sindku qal li kif kien diskuss fil-laqgħa preċedenti, hu talab laqgħa mall-President ta' Sannat Lions F.C. fejn ġie diskuss li l-Kunsill jgħin biex tiġi nsallata AED fil-grawnd tal-futbol. Hu qal li kkomuika mall-President tal-AKL fejn dan qallu li l-aħjar din tkun nstallata f'post pubbliku u kellem anke lill-Gozo Football Association fejn dawn urew l-interess.

30.3.11 Is-Sindku qal li peress li qed kull ma għad fadal għal festi tal-Milied u l-ewwel tas-sena tlett xhur biss, il-Kunsill għandu jibda jaħseb għat-tiżjin ta' Triq Sannat u Pjazza Santa Margerita. Il-Kunsill qabel unanimament ma dan.

30.3.12 Is-Sindku nfoma lill-Kunsill li l-MGOZ bgħat imejl fejn talab xi inzajattivi u l-attivitajiet li se jiġu organizzati għal l-istaġun tal-Milied sabiex dawn l-attivitajiet jiġu mniżla u rreklamati fuq ktejjeb. Is-Sindku talab lil Kunsill biex fil-laqgħa li jmiss wieħed għandu jara x'attivitajiet jistgħu jitellgħu fil-lokalita' tagħna.

30.3.13 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsill ġie mħarrek b'xhud il-qorti nhar it-Tenjn 1 ta' Novembru 2021. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jkun preżenti dakinhar.

30.3.14 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li l-Kunsill ibbenefika mill-iskema ta' ingaġġ ta' Steward għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, l-Kunsill ġie mitlub biex jinbeda fl-immedjat il-proċess tal-ingaġġ. Il-Kunsill qabel unanimament ma dan. Il-bord tal-għażla ser jkun kompost mill-Kunsill stess. Is-Sindku qal li jekk ma jkunux jistgħu joqgħdu huma jiddiskutu dan flimkien biex jara min jista joqgħod.

30.3.15 Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva mingħand il-LESA għall-applikazzjoni ta' Proġetti fil-komunitajiet (Progetti 2022) u li din l-applikazzjoni tagħlaq nhar il-Ġimgħa 22 ta' Ottubru 2021. Il-Kunsill għandu jaħseb fi proġett innovattiv biex japplika għal din l-applikazzjoni.

30.3.16 Is-Sindku qal li bħalissa għaddeja issue dwar l-egħluq u l-ftuħ tat-triq għal sena skolastika waqt id-dħul u l-ħruġ tat-tfal mill-iskola peress li l-pulizija qalu li dan mhux xogħol tagħhom u ghalhekk saret laqgħa mall-Ministru tal-Edukazzjoni dwar dan u x'aktarx li ser jinħatur school assistant/attendant għal dan ir-rigward. Il-Kunsillier Bajada qal li l-pulizija huwa awtorita u jekk xi ħadd ikun qed jikser il-liġi jkun huwa li jista jgħati ċitazzjoni. Is-Sindku qal li l-Kunsill dejjem jgħin lill-iskola b'kull mod sa anke xtara barriers apposta biex tkun tista tingħalaq it-triq waqt id-dħul u l-ħruġ tat-tfal mill-iskola.

## 30.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

30.4.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri preżenti jekk kellhomx xi mistoqsijiet, suġġerimenti jew proposti.

30.4.2 Il-Kunsillier Bajada ġibed l-attenzjoni li għandhu jsir xi ħaġa dwar ir-roundabout f'Sannat junction qabel issir disgrazzja u biex jonqos l-ispeed. Is-Sindku wieġeb li fuq is-suġġeriment tal-Kunsillier Tewma talab lil Transport Malta biex jiġu nstallati rubber bollards mad-dawra tar-roundabout, għal dan il-għan għandha tiġi l-Perita ta' Transport Malta biex tara l-andament fuq il-post. Is-Sindku ssuġġerixxa li jsiru sinjali taż-żebgħa mall-art qabel taqbad ir-roundabout.

30.4.3 Il-Kunsillier Gauci staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv kif kien baqa rigward il-proġett tal-Budding Projects tal-Eċċ. Tagħha Marie Louise Coleiro Preca u l-Malta Trust Foundation biex jara jekk telghetx fuq l-Aġenda tar-Reġjun Għawdex u jara jekk għandniex risposta. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għandu jkellem lis-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex biex jikkuntattja lil Kunsillier Gauci. Il-Kunsillier Gauci jixtieq li dan il-proġett jitwettaq bħala Kunsill għal Għawdex.

## 30.5 Komunikazzjoni

30.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li wara li bgħat imejl lill-persuna nkarigata mill-applikazzjoni ta' ġemellaġġ dwar jekk tistax issir estensjoni għal dan peress li għadna għaddejnin minn din il-pandemija tal-Covid-19, il-Kunsill irċieva risposta fl-affermattiv.

30.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

04 ta' Awwissu 2021 – Cir AKL 2021/074 – BBQ AKL 06/08/2021
06 ta' Awwissu 2021 – Cir AKL 2021/075 – European week of sport
08 ta' Awwissu 2021 – Kollezzjoni tal-iskart riciklabbli
11 ta' Awwissu 2021 – Cir AKL 2021/077 – Bajjiet li fihom jista' wieħed jieħu animali domestiċi (klieb) jgħumu
13 ta' Awwissu 2021 – Cir AKL 2021/078 – Malta Sustainable Development Action Days: Be Part of the Change
17 ta' Awwissu 2021 – FW: EMW2021 – Permanent Measures Competiton
25 ta' Awwissu 2021 – Cir AKL 2021/079 – Tindif ta' culverts tal-ilma tax-xita

25 ta' Awwissu 2021 – Cir AKL 2021/080 – Planning and Leading a Team – Mentor Aid Session 15/09/2021
26 ta' Awwissu 2021 – Cir AKL 2021/081 – Team Building Event 03/09/2021
02 ta' Settembru 2021 – Cir AKL 2021/082 – Tnedija tal-EV Document
31 ta' Awwissu 2021 – Cir AKL 2021/083 – President's Solidarity Fun Run 2021 – 14th Nov 2021
01 ta' Settembru 2021 – LCA upcoming Events
06 ta' Settembru 2021 – Cir AKL 2021/084 – CSR Event – Regional and Local Councils
07 ta' Settembru 2021 – Cir AKL 2021/085 – AKL Webinar – Social Field: Community Development 22/09/2021
07 ta' Settembru 2021 – Cir AKL 2021/086 – LCA Website – Publications
10 ta' Settembru 2021 – Cir AKL 2021/087 – Invitation to: "Safe and Healthy with Sustainable Mobility in Malta" Online Seminar – 16 September 2021
10 ta' Settembru 2021 – Cir AKL 2021/088 – World Clean-Up Day 2021
10 ta' Settembru 2021 – Cir AKL 2021/089 – Certificate Awards and Launch of Level 5 Diploma in Public Management & Governance

30.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mir-Reġjun Għawdex u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

26 ta' Awissu 2021 – Re Ingaġġ ta' Uffiċjali Reġjonali
30 ta' Awissu 2021 – URĠENTI – Re Laqgħa mal-Ministru dwar l-Għeluq tat-toroq waqt id-dħul u l- ħruġ tal-istudenti mill-iskejjel ta' Għawdex
01 ta' Settembru 2021 – Re Informazzjoni dwar l-Għeluq tat-toroq waqt id-dħul u l-ħruġ tal-istudenti mill-iskejjel ta' Għawdex
06 ta' Settembru 2021 – Gentle Reminder - Re Informazzjoni dwar l-Għeluq tat-toroq waqt id-dħul u l-ħruġ tal-istudenti mill-iskejjel ta' Għawdex
09 ta' Settembru 2021 – Ittra – Re Għeluq tat-toroq waqt id-dħul u l-ħruġ tal-istudenti mill-iskejjel ta' Għawdex

30.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mill-Planning Authority dwar applikazzjonijiet u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

1 ta' Settembru 2021 – PA/04536/21 – GTD – Execution of maintenance/restoration works on facades. – Triq il-Kbira c/w, Triq Ta' Saguna, Sannat
1 ta' Settembru 2021 – PA/04032/21 – To sanction variations in existing house from previously approved in PB 1495/83/4363/81 consisting in: alterations to facade, change of use from store to garage, change in layout of internal shaft, extension of bathroom and construction of domestic store at first floor and construction of stairs leading to roof level including washroom. Proposed works consist in correction of front garden boundary wall alignment and to segregate courtyard from exisitng house 19, Triq it-Tin and to construct additional dwelling unit. – Triq it-Tin c/w Triq il-Pinnur, Sannat
1 ta' Settembru 2021 – PA/05848/21 – To demolish existing building; excavation of site and construct garages for private cars at basement level; two maisonettes at ground floor level including swimming pools; six flats at first, second and third floor levels and two flats at receded floor level. – Triq Ta Cenc, Sannat
1 ta' Settembru 2021 – PA/06013/21 – To excavate and to construct a terraced house. – Triq il-Kbira, Triq l-Għoxrin ta' Lulju, Sannat
1 ta' Settembru 2021 – PA/06175/21 – To sanction existing dwelling as built (variations from PB4140/90 and PA6413/94), - Triq Ta' Bardan, Sannat

30.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li hu ser jakkumula 60 siegħa vacation leave mis-sena 2021 għas-sena 2022, biex b'dan jinforma lid-DLG. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 30.6 Rapport Finanzjarju Annwali 2020 (*audited*);

30.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li r-Rapport Finanzjarju Annwali 2020 huwa lest u ġie mibghut lillhom permezz ta' l-imejl. Il-Kunsill qabel ma dan ir-rapport u għandu jiġi ffirmat minnu u s-Sindku u jintbgħat lill-Awdituri.

30.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li hu kien bgħat permezz tal-imejl ir-rapport ta' kull kwart minn Jannar sa Ġunju 2021. Il-Kunsill qabel ma dan u ġie approvat.

## 30.7 Il-Proġett ta' riġenerazzjoni ta' Pjazza Santa Margerita

30.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-offerta għal pavimentar u rinnovar ta' Pjazza Santa Margerita il-bord kompost lesta l-evalwazzjoni u l-aġġudikazzjoni ta' din l-offerta. Għal din l-offerta kien hemm ħames offerrenti. Is-Segretarju Eżekuttiv ntalab jaqra dan ir-rapport. Il-Kunsill qabel ma dan ir-rapport fuq ir-rakkomandazzjoni tal-bord u li dan il-proġett għandu jingħata lil irħas offerent. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li għandha ssir laqgħa ma dan il-kuntrattur u l-istake holders kollha nvoluti. Dan għandu jsir biex jekk il-kuntattur ma jkunx qed jirnexxilu ilaħħaq mall-kuntratt b'hekk l-istake holders ikunu jafu għaliex ikun qed jiġri dan. Il-Kuntrattur għandu jaħdem u jimxi dejjem skond id-dokument tal-kuntratt u time frame mitlub. Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk kellhomx xi mistoqsijiet dwar din l-offerta. Il-Kunsillier Bajada talab li l-Kuntrattur għandu jimxi mall-pjan li ħejja l-Kunsill biex ma jkunx ta' nkonvenjent għar-residenti u dawk li jiġu jżuru lil Ta' Sannat.

30.7.2 Il-Kunsillier Tewma staqsa lis-Sindku fhiex jikkonsisti x-shelter tal-Pjazza. Is-Sindku qal li bħal ma kien semma fil-bidu, x-shelter li hemm huwa wieħed pjuttost mħaffer f'wesa' ta xi 4 piedi u nofs u ma hemm xejn ta' nteress ħlief li jikkonsisti f' kurutur wiesa.

## 30.8 Proġetti pendenti

30.8.1 Is-Sindku qal li bħala proġetti pendenti għandna l-proġett ta' Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri mid-DPF. Il-Perit għandu jissottometti t-talba tagħna għas-service culvert madwar il-pjazzetta bil-BOQ u l-istimi konnessi.

30.8.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li proġett ieħor hu dak tal-monument tal-gwerra li gie diskuss aktar kmieni f'din il-laqgħa.

30.8.3 Is-Sindku qal li proġett ieħor hu dak li jinxtara mini van.

30.8.4 Is-Sindku semmha l-progett tal-ġemellaġġ ma' Montefiascone ta' min isemmi li bejn 3-4 ta' Ottubru hemm l-elezzjoni għal Kunsill ġdid, fejn se jkun hemm Sindku ġdid. Is-Sindku talab li meta jiġi maħtur Kunsill ġdid il-Kunsill għandu jitla u jitkellem magħhom fejn ninfurmawhom b'dan il-proġett b'fondi ewropej biex dan il-ġemellaġġ jibqa wieħed ħaj. Is-Sindku jħoss li għal Novembru li ġej għandhom jitilgħu l-Kunsill sħiħ u hemm jiddiskutu u jifraħ lill-Kunsill il-ġdid.

30.8.5 Is-Sindku qal li l-Kunsill qed iġib l-permessi meħtieġa biex fl-entratura/ junction Ta' Sannat jwaqqaf dan l-isem.

30.8.6 Is-Sindku staqsa lill-Kunsill jekk jaqbilx jekk fl-applikazzjoni li hemm miftuħa bħalissa l-Kunsill jikkunsidrax li japplika għar-restawr tal-Kalkara tal-ġir ta ma ġenb il-Kunsill. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni ukoll dwar il-fanali li hemm fi Triq 28 ta' April 1688.

30.8.7 Is-Sindku semma' ukoll il-Proġett tal-Pompa ta' Mġarr ix-Xini. Hu qal li dwar dan il-proġett il-Kunsill Lokali għandu l-permessi neċessarji, li jonqos huma l-finanzi biex dan ikun jista jitwettaq.

## 30.9 Attivita' Sportiva

30.9.1 Il-Kunsillier Bajada ġibed l-attenzjoni lill-Kunsill li l-Club ta' Sannat Lions ser jgħalaq il-85 sena nhar it-30 ta' Diċembru 2021 minn meta twaqqf. Is-Sindku qal li dakinhar f'dak iż-żmien ghandhom jittelgħu xi attivitajiet konnessi. Il-Kunsillier Bajada ppropona lill-Kunsill biex jitwaqqaf kumitat għal dan il-għan. Is-Sindku qal li l-Kunsill jkun jista jġib band quddiem il-każini f'dak iż-żmien ta' festi tal-Milied, il-Kunsill qal li dan jekk dejjem jippermetti t-temp. Is-Sindku qal li għandha tingħata tifkira kommemorattiva lill-players kollha li huma parti mill-istorja tal-futbol fil-lokal. Il-Kunsill qabel unanimament ma dan.

30.9.2 Is-Sindku qal li avviċinathu persuna minn sports club partikolari li jixtieq li ssir maratona bir-roti fix-xahar ta' Ottubru. Il-Kunsill qabel unanimament li jikkollabora.

30.9.3 Is- Sindku qal li l-Kunsill irċieva imejl rigward The President's Fun Run għall-istrina li din ser issir fl-14 ta' Novembru 2021. Il-Kunsill għandu jara r-rotta minn fejn ser tibda u tispiċċa din. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa.

## 30.10 Attivita' Soċjali u Kulturali

30.10.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċieva imejl mingħand l-Arċipriet fejn il-parroċċa organizzat Live-in għall-Abbatini f'Malta li kien wieħed kulturali u reliġjuż u li dan kien ta' suċċess ħafna u qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill fejn il-Kunsill iħallas l-ispejjeż tat-transport għal dan l-avveniment. Il-Kunsill qabel unanimament ma dan.

30.10.2 Is-Sindku semma' li fi snin l-imgħoddija kienet isir il-World Children's Day u minħabba r-restrizzjonijiet tal-pandemija wieħed għandu jara x'ser ikunu l-miżuri biex jekk jiġu rrilaxxati dawn, din tkun tista ssir. Is-Sindku qal li dwar dan se jiġi diskuss aktar il-quddiem.

30.10.3 Is-Sindku qal li wieħed irid jara jistax jorġanizza xi attivitajiet li jkunu taħt kontroll minħabba l-pandemija pereżemju l-Għaqda tan-nar dejjem ikkollaborat fil-passat biex issir l-lejla tal-għana. Il-Kunsill qabel li din tista ssir mall-Għaqda tan-Nar u ghandha ssir laqgħa dwar din l-attivita'. Is-Sindku talab lill-Kunsillier Bajada sabiex jikkomunika mall-kumitat tan-nar dwar din l-attivta'. Il-Kunsill qabel li għandu jikkunsidra din l-attivita'.

## 30.11 Ilmenti u Suġġerimenti

30.7.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk kellhomx xi ilmenti jew suġġerimenti.

30.8.2 Il-Kunsillier Gauci ilmenta rigward ħofra fi Triq Marsilja kantuniera ma Triq Durell. Is-Sindku qal biex fejn hemm is-siġra tal-ficus għandha ssir bankina madwar is-siġra u jsir xi bank jew bankijiet biex hemm jissebbaħ. Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsillier Gauci biex jibgħat ritratt fejn tiġi ndikata din il-ħofra. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jsiru sinjali għal manniġjar aħjar tat-traffiku. Is-Sindku qal li fi Triq ix-Xabbata hemm il-ħtieġa li jerġgħu jinżebgħa u s-sinjali tat-traffiku.

30.8.3 Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jsir traffic management madwar il-lokalita'.

30.8.4 Il-Kunsillier Tewma fakkar rigward il-laqgħa li kellha ssir maż-żewġ sidien tal-ħwienet fi Triq ix-Xabbata dwar it-traffic management f'din it-triq. Is-Sindku talab li din il-laqgħa ssir tard filgħaxija biex wieħed ma jtellifx ix-xoghol tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jikkordina ġurnata għal din il-laqgħa.

30.8.5 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand resident li joqgħod fi Triq il-Kbira, fejn ilmenta rigward Stop Sign li twaħħlet fi Triq il-Kbira kantuniera ma Triq l-10 ta' Ottubru. Huwa ilmenta li ma jkunx jista jiftaħ l-bieb tal-garage. Is-Sindku qal li din it-tabella ma għandiex ittellef.

30.8.6 Residenta talbet li ssir bozza fi Triq tal-Lewz, peress li hemm ħafna dlam f'din il-parti tat-Triq. Il-Kunsill qal li diġa jaf dwar dan l-ilment.

30.8.7 Resident talab li ssir bankina ġdida ma blokka ta' appartamenti ġodda fi Triq Tilliera. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din talba intbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal- *Works Request System.*

30.8.8 B'referenza għall-ilment numru 29/2021, residenta talbet li ssir bankina quddiem farmhouse fi Triq Gerxija. Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha tintbgħat lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

30.8.9 Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System*, fejn talab li jiġu installati N-shapes tal-ħadid wara kull iBins li hemm fi Triq Durell. Dan biex nevitaw il-periklu li jista jkun hemm, peress li hemm barriera warajjhom.

30.8.10 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand resident li joqgħod fi Triq Ta' Ċenċ, fejn spjega li qiegħed fil-proċess li jirranġa is-sistema tad-drenaġġ. Meta prova jara fejn qeda l-inspection box induna li meta saret l-bankina zmien ilu, l-kuntrattur ksija bil-concrete mingħajr ma għamel cover jew tapp. Huwa qal li l-ġara tiegħu għandha l-istess problema li ma tafx fejn qegħdha l-inspection box tagħha. Huwa staqsa jekk hemmx xi mod kif huma jisgħu jkunu jafu fejn qegħdha l-inspection box. Il-Kunsill għandu jara x'hemm eżatt.

30.8.11 B'referenza għall-ilment numru 30/2021, residenti li joqgħodu fi blokka apartamenti fi Triq il-Falkun talbu li tiġi rranġata l-bankina.

30.8.12 B'referenza għall-ilment numru 31/2021, resident qed jitlob li tiġi rranġata l-bankina ta quddiem ir-residenza tiegħu fi Triq Saguna.

30.8.13 B'referenza għall-ilment numru 32/2021, residenta li toqgħod fi Triq il-Kbira qed titlob li tiġi rranġata t-triq quddiem il-bieb tad-dar tagħha, peress li triq qed taqleb għal fuq l-istess

residenza. Il-Kunsill kien diġa rraporta dan l-ilment mall-WSC peress li kienu huma li ma għamlux ix-xogħol sewwa l-Kunsill irċieva ilment mingħand resident li joqgħod fi Triq Falkun fejn talab li ssir rampa quddiem l-garage tal-istess residenza. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba intbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

30.8.14 B' referenza għall-ilment numru 33/2021, resident li joqgħod fi Triq Paranji fejn spjega li l-Kunsill jaf bil-problema tal-parkeġġ fil-madwar ta' din it-triq, u ftit tal-ġimgħat ilu saru linji sofor u tnaqqsu tlett spazji ta' parkeġġ fi triq dritta u wiesa bizzejjed. Huwa kompla billi qal li ftit passi bogħod kullħadd jipparkja fil-kantunieri b'detriment li ġieli lanqas ikunu jistgħu jgħaddu jew joħorġu u jidħlu fid-drive in tal-garaxxijiet tagħhom. Il-Kunsill għandu jara dan is-sinjal kif suppost li sar minn Transport Malta.

30.8.15 B' referenza għall-ilment numru 34/2021, resident li joqgħod fi Triq il-Kbira talab li jiġu rranġati wires tal-GO/Melita mdendlin u perikolużi mal-faċċata. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li bagħat email lil l-entitajiet konċernati sabiex jitranġa dan il-periklu.

30.8.16 Resident qed jitlob li ssir bankina ġdida ma dar ġdida fi Sqaq fi Triq Ta' Ċenċ**.** Il-Kunsill qabel li din it-talba tintbgħat lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

30.8.17 Xi ndividwi qed jilmentaw li fi Triq il-Kbira u Triq Marsilja fuq il-bankina quddiem djar inabitati qed ikun hemm ħmieġ tal-ħamiem. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu nforma b'dan lill-kuntrattur pero trid isir xi ħaġa fuq dan il-ħamiem mitluq. Is-Sindku ta' spjegazzjoni dwar l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali xi studju għamel dwar ilmenti fuq il-ħamiem abbandunat.

30.8.18 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li nħasset il-ħtieġa li jinxtraw 2 barriers oħra tal-plastik għall-egħluq ta' toroq. Il-Kunsill qabel ma dan.

30.8.19 Is-Sindku qal li għandu ilment mingħand resident li joqgħod fi Triq Ta' Ċenċ fejn qed jitlob li jsiru 1 mt double yellow lines mall-entratura tal-garaxx tiegħu dan peress li mhux qed ikun jista jidħol u joħroġ mill-garaxx tiegħu.. Il-Kunsill għandu jitlob dan lil Transport Malta.

30.8.20 Il-Kunsillier Bajada qal li qed jinnota li qed isir parkeġġ fil-pjazza fuq in-naħa tal-kazini li qed ikun hemm parkeġġ li l-vetturi ma jitħarkux weekend sħiħ. Is-Sindku qal li din trid tiġi diskussa ma Transport Malta.

30.8.21 Is-Sindku qal li fi Triq il-Kbira trid tiġi nstallata mera miksura faċċata ta' Triq 10 ta' Ottubru. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 30.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 9/2021

30.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 9/2021 li kienet intbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Hu qal li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Kunsillier Steven Gauci u ssekondata mill-Kunsillier Joseph Bajada. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 30.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

30.13.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4.10 p.m. u ġiet aġġornata bi qbil unanimu għal nhar il-Ħamis 14 ta' Ottubru 2021, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 14 ta' Ottubru, 2021

(iffirmata)

Philip Vella
Sindku

(iffirmata)

Jason Curmi
Segretarju Eżekuttiv